MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2007

Talba Numru. 1008/2006

**Maltacom plc**

**Vs**

**Emmanuel Gatt**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Novembru 2006 fejn is-socjeta` attirici tablet illi l-konvenut Emmanuel Gatt jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' tlett mija u sebgha u hamsin lira u wiehed u hamsin centezmu (Lm357.51) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma' servizz tat-telefon bin-numru 21251354.

Ra illi l-konvenut kien legalment u debitament notifikat permezz ta' dawn il-proceduri pero baqa' ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ma' l-istess talba.

Sema' x-xhieda ta' l-istess konvenut seduta stante li bil-gurament tieghu kkonferma li l-ammont mitlub ghadu

dovut sal-gurnata tal-lum pero kien ghadu ma hallasx dan l-ammont stante li xtaq aktar zmien biex jaghmel dan.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici is-somma kif mitluba ta' tlett mija u sebgha u hamsin lira u wiehed u hamsin centezmu (Lm357.51) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza a karigu ta' l-istess konvenut b'dan illi l-ammont mitlub ghandu jigi mhallas permezz ta' pagamenti mensili ta' mhux anqas minn hamsa u ghoxrin lira fix-xahar. L-ewwel pagament jaqa' dovut nhar it-12 ta' Frar, 2007 u jibqa' jigi mhallas hekk kull xahar b'mod mhux interrott kull tnax tax-xahar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------